MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 1735/2003

**Hal Mann Limited**

**Vs**

**Anthony Baldacchino**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' Settembru, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mitejn u ghaxar liri Maltin u tnax-il centezmu (Lm210.12) rappresentanti l-valur ta' provvista u ta' tqeghid ta' irham tat-tip *Travertine* u *Acquamarine*, liema materjal gie ipprovdut u xogholijiet esegwieti mis-socjeta attrici favur il-konvenut ai termini ta' ftehim datat 26 ta' Gunju 2001 (Dokumenti HML1 u HML2 annessi ma'l-avviz).

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2003, meta gewipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mitejn u ghaxar liri Maltin u tnax-il centezmu (Lm210.12), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------